MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 56/2012

Andre Tabone
vs
Ceiling Systems Ltd

Il-Qorti,

## A. RIKORS:

Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

Illi r-rikorrent gie kanonizzat kreditur ta' l-intimat b'ittra ufficjali prezentata fis-7 ta' Dicembru, 2005 fl-ismijiet fuq imsemmija fis-somma ta' hdax-il elf disa' mija u tmienja u ghoxrin liri Maltin import tal-kambjali datata 12 ta' Dicembru, 2000 debitament accettata mid-debitur, liema kambjala skadiet u ghadha ma thallsitx oltre l-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza sal-pagament effettiv.

Illi r-rikorrent ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru numru 772/06 fl-ismijiet premessi pero` ma giet

ddepozitata ebda cedola da parti tas-sekwestratarji mnizzel.

Illi ghaddew aktar minn tliet snin minn meta t-titolu ezekuttiv seta jkompli jigi ezegwit.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi biex ihallas.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil din il-Qorti li jigu ravvivati d-drittijiet tar-rikorrent kontra l-konvenut u b'hekk il-kreditu jerga' jsir titolu ezekuttiv skond il-ligi u jkun jista' jigi ezegwit kontra d-debitur, dan taht il-provvedimenti li din il-Qorti joghgobha timponi.

Rat id-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**B. PROVI:**

Rat li s-socjeta` intimata debitament notifikata skond il-ligi baqghet kontumaci, u fis-seduta tal-lum ma deher hadd ghaliha.

Xehed Andre` Tabone u qal li minn mindu intavola l-kawza odjerna s-socjeta` intimata ma hallsitu xejn u ghalhekk l-istess ammont ghadu dovut.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq kontumacja tas-socjeta` intimata, peress li t-talba tar-rikorrent tidher gustifikata, il-Qorti qed tilqaghha u qed tordna li jigu ravvivati d-drittijiet tar-rikorrent kontra s-socjeta` intimata u b'hekk il-kreditu jerga' jsir titolu ezekuttiv skond il-ligi u dan jista' jigi ezegwit kontra d-debitur.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------